

— tikkundanna lill-konvenuta għall-ispejjeż kollha.

### Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka żewġ motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq l-fatt li l-konvenuta għamlet żball manifest ta' evalwazzjoni billi ċaħdet l-offerta tar-rikorrenti u b'hekk kisret l-Artikolu 168(6) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046. (2)
2. It-tieni motiv, ibbażat fuq il-fatt li l-konvenuta kisret l-Artikolu 41 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea billi ċaħdet l-offerta tar-rikorrenti u ma kkunsidratx l-ispiegazzjonijiet tar-rikorrenti dwar l-eżistenza u l-integrità tal-offerta teknika tagħha.

(1) Kif innotifikat lir-riorrent bl-ittra tal-konvenuta Nru Ares (2021) 6214855 tat-12 ta' Ottubru 2021.

(2) Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbi għall-bagħi ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

### Digriet tal-Qorti Ġenerali tas-27 ta' Settembru 2021 – Stena Line Scandinavia vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-391/20) (1)

(2021/C 490/63)

Lingwa tal-kawża: l-Inglijż

Il-President tat-Tielet Awla ordna t-tħassir tal-kawża.

(1) ĠU C 279, 24.8.2020.

### Digriet tal-Qorti Ġenerali tal-1 ta' Ottubru 2021 – Alliance française de Bruxelles-Europe et vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-285/21) (1)

(2021/C 490/64)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Il-Presidenta tat-Tieni Awla ordnat it-tħassir tal-kawża.

(1) ĠU C 278, 12.7.2021.